**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 285/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**Vs**

**Raymond Galea**

Illum 4 ta Settembru 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Galea detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 439365M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli matul il-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Jannar, 2008, gewwa Marsaxlokk:

a) Ikkommetta serq ta' oggetti relatati mad-delizzju taz-zwiemel u/jew ta' oggetti ohra minn gewwa Southern, Triq it-Torri, Marsaxlokk, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Raymond Cassar u/jew ta' persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Raymond Galea bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Gunju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 21, 49, 50, 261(b))c)(f), 263 264, 265, 266, 267, 270, 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' tletin xahar prigunerija.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lil hati jhallas l-ammont ta' €946.43 rapprezentanti l-ispejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellanti Raymond Galea minnu pprezentat fit-3 ta' Lulju, 2017 fejn talabt lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentement TILLIBBERAH minnhom; alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

**A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti**

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni fost l-ohrajn ressqet lill-allegat vittma jixhed u jispjega x'gara dakinhar tal-incident, Ufficjali tal-Pulizija illi marru fuq il-post mertu tal-incident in kwistjoni u esperti ohra nominati mill-Qorti.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellanti m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-appellanti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-**

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir-referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,** fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-

dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir-referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b'diversi sentenzi sahqu illi sabiex Qorti issib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, **kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.**

Fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

*"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial evidence. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero`* ***jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."***

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et** moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:

*Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi* ***jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.***

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f'dak l-imputat stante' illi **il-provi cirkostanzjali iridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss** kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Michael**</u>

**<u>Ellul Vincenti</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*"**Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali** illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, **li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss.** Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok **diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."***

Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*"It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt **this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive."***

Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Kyle Stone</u>** nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013):
*"Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 "& **works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."***

Illi f'dan l-istadju wkoll issir-referenza ghall-kawza bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Inoltre fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:

*"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill għall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment għall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice)** dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi l-appellanti jirrileva illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi fil-kaz in kwistjoni l-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha biss fuq il-*positive match* li nstabu fuq il-fingerprints ta' Raymond Galea ma' dawk li instaghbu fuq inkwatru fir-residenza tal-vittma. Illi jigi rilevat illi l-vittma m'gharaf fl-ebda mument lill-appellanti.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward ta' nuqqas ta' identifikazzjoni tal-imputat, l-appellanti jirrileva illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. **Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.**

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

*"f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".*

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan (3 Cr App R - 74, CCA (vide Archbold 1997 para 14-97)** gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 inghad is-segwenti:

*"Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghaliex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"point of comparison""*.

Imbaghad, fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence"" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758*** *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities". Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-Gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".*

…

*"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-Gudikant ilkonvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' loggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".*

Riferenza ghandha ssir wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja,** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:
*"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn PC 516 Alfio Borg (a fol.*

*37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (sliding) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.*
*[...]*

*Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".*

Illi fil-kaz odjern l-Qorti ghandha tistaqsi jekk il-prova tal-impronta misjuba hijiex sufficjenti sabiex tikkonkludi illi l-appellanti ghandux jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Il-prosekuzzjoni, fis-sottomissjonijiet taghha, tghid illi l-kaz taghha huwa bazikament ippernjat fuq din il-fingerprint, fingerprint li hija prova xjentifika li nstabet fir-residenza tal-vittma. Illi l-appellanti jirrileva illi ebda impronta ohra tal-appellanti, ghajr ghal dik imsemmija hawn fuq, ma nstabet imkien iehor.

Illi, kif inghad aktar il-fuq, huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda. Illi l-impronta ta' l-appellanti ma jista' jmeriha hadd izda ma jistax ma jittihidx in konsiderazzjoni illi l-ebda impronta ohra ma nstabet la fuq il-post tal-akkadut u lanqas fuq oggetti ohra.

Illi ghalhekk l-impronta tal-appellanti wahidha u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mil-atti processwali ma setghet qatt twassal lil l-ewwel Qorti ghal konvinciment morali illi l-appellanti setgha kellu xi involviment f'dak li qed jigi akkuzat

bih. Wiehed ma jridx jinsa' li tali inkwatru huwa xi haga li facilment seta' tnehha u rega' tpogga f'dak il-post stante li mhux oggett fiss apparti l-fatt ma ngabet l-ebda prova rigward il-provenjenza ta' tali oggett u ma nafux jekk minn fejn xtara tali kontenitur jew jekk kienx ilu ghandu l-vittma. Illi l-appellanti jirrileva illi tali inkwatru jibqa' haga mobbli. Dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni flimkien mal-fatt li ma nstabu l-ebda oggetti uzati fil-kummissjoni tar-reati ghand l-appellanti jew xi parti mir-res furtiva li tista' tindika l-involviment tieghu apparti li l-akkuzat fl-istqarrijiet rilaxxati minnu jichad l-involviment tieghu.

Illi l-appellanti jirrileva illi din il-Qorti tista' **biss** tispekula dwar jekk l-appellanti kellux xi involviment f'dak li huwa qed jigi akkuzat bih u dana stante s-sejba tal-fingerprint tieghu madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-**atti. Illi ghalkemm il-Qorti tista' tghid b'certezza illi dan l-inkwatru tmess mill-appellant, il-Qorti ma tistax tghid illi l-appellant kien involut fis-serqa tal-kaz in kwistjoni.**

**Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet issegwenti:

*"Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".*

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-appellanti huwiex hati tal-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-appellanti. Illi fil-verita fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-appellanti kien prezenti fuq ix-xena tar-reat jew tal-imputazzjonijiet l-ohra li jinsab akkuzat bihom, u dana ghajr ghal dak li gie sollevat aktar il-fuq, cioé rigward in-nuqqas ta' identifikazzjoni tieghu u l-impronta tieghu illi nstabet, liema impronta tista' tindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma tista' qatt tkun prova univoka u ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Fil-kaz in ezami ghandna sitwazzjoni fejn il-Qorti hija rinfaccjata bi prova cirkostanzjali wahda u cioe` tal-impronta digitali. Illi ta' min jghid illi din il-prova wehidha ma ssahhahx il-kaz tal-prosekuzzjoni ghaliex ma hijiex korroborata minn evidenza ohra. Per ezempju, il-prosekuzzjoni ma qalitx jekk fil-post kienx hemm impronta ohra bhal per ezempju ta' xi suspettati ohra jew ma spjegawx kif eliminaw dawn l-impronta l-ohra biex hargu biss ghal dawk tal-appellanti.

Illi jekk jinghad forsi li l-impronti li nstabu kienu mat-twieqi jew bibien li gew sgassati, huwa fattur li jxeqleb a favur tal-prosekuzzjoni izda xorta l-Qorti ghandha dubju jekk l-ufficjali tal-forensika kienux sabu xi impronti ohra tal-appellanti forsi x'imkien iehor mhux suspettat u ghalhekk il-Qorti ma tistax tizhen u tgharbel il-kaz bi stampa cara quddiemha.

Illi ghalhekk dawn id-dubji kollha jimmilitaw a favur tal-appellanti billi l-ewwel Qorti ma setatx tkun moralment jew legalment konvinta bil-kolpevolezza tal-appellanti f'din is-serqa. Illi ghalhekk mix-xhieda kollha jirrizulta illi fil-kaz odjern ghandna nuqqasijiet enormi fil-provi tal-prosekuzzjoni liema nuqqasijiet ghandhom jillimitaw favur l-appellanti. Illi inoltre l-appellanti, min-naha tieghu, fl-istqarrijiet rilaxxati minnu nnega l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat.

Illi inoltre l-appellant meta gie mistoqsi mill-Ufficjali tal-Pulizjija mhux biss cahad l-involviment tieghu izda kien hu stess illi qalilhom sabiex jittiehdulu xi *fingerprints:*

*Tikkonferma wkoll illi llu, wara li kellimt lill-avukat, inti tajtna l-fingerprints tieghek volontarjament?*

***Iva***

*Ara Raymond, kif gia spjegajtlek, ha nitkellmu ftit dwar serqa li sehhet bejn is-16 u s-17 taa' Jannar 2008 minn gewwa razzett bl-indirizz 'Southern', Triq it-Torri, Marsaxlokk ta' certu Raymond Cassar fejn fost oggetti li nsterqulu, insterqu numru ta' oggetti relatati mad-delizzju taz-zwiemel fosthom xarretta u xi harnesses li l-valur taghhom huwa ta' circa tlett elef ewro (€3,000). Inti dwar dan tixtieq tghid xi haga?*

***Xi tridni nghid.***

*Jidher li min dahal fl-imsemmi razzett, ghadda mill-ghalqa li hemm fuq in-naha tax-xellug tar-razzett, ghax kien hemm xi haxix mghaffeg frisk li jindika li hemm kien hemm xi nies, qabzu l-hajt tal-propjeta' u marru lejn l-istalla, qalghu kantun mill-hajt tan-nahha tal-lemin tal-kamra u dahhlu gewwa. Ghandek xi tghid dwar dan?*

***Mela jien naf x'ghamlulu!***

*Jirrizulta wkoll illi min kien, kien tant preparat li ha mieghu xi tiben biex jitma liz-ziemel tal-vittma biex b'hekk iz-ziemel joqghod kwiet u ma jaghmilx storbju u huma jkunu jistghu jisriqu u jgharrxu bil-kwiet. Xi tghidli dwar dan?*

***Mela jien naf x'ghamlu hija.***

*Waqt it-tfittxija l-pulizija sabu dawn il-harnesses li qed nurik. Tispjegali dawn kif gew ghandek?*

***Kappestri. Jew ma xi ziemel gew ghandi! Meta nixtri ziemel bil-kappestri nixtirhom. Hekk suppost, ziemel bil-kappestru tixtrieh.***

*Kif tispjega l-fatt li fingerprints tieghek instabu gol-istalla ta' Cassar jekk inti hemm gew la qatt dhalt u lanqas kellek ghalfejn tidhol?*

***Qatt ma dhalt hemm gew jien.***

*…*

*Raymond, dan xoghol li x'aktarx ma sarx minn persuna wahda. Il-persuna l-ohra li kienet mieghek se tghidli min kienet?*

***Mela jiena naf hija, ma nista' nghidlek xejn jiena.***

*Ser tghidli x'ghamilt bihom l-affarijiet l-ohra li nsterqu f'dan il-kaz?*
***Heq mela jien naf! Qed nghidlek mhux jien, kif tridni nghidlek?***

Illi ghalhekk l-appellanti jirrileva illi huwa immedjatament innega l-involviment tieghu ghar-reati in kwisjtoni u cahad kategorikament illi kien involut. Illi l-appellant jirrileva illi ghalhekk dan il-*fingerprint* wahdu mhux bizzejjed sabiex tinstab htija fl-appellant u dan peress illi apparti dan il-*fingerprint* ma nstabu l-ebda provi ohra fejn la r-res furtiva u lanqas affarijiet. Di piu' l-fingerprint tal-appellant instab f'oggett illi huwa mobbli u seta' facilment ghaddha minn id ghal ohra apparti illi kien ilu ghand il-parti civile ghal iktar minn sena (circa) qabel is-serqa in kwistjoni.

Illi inoltre l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' jixhed ukoll lill-Ispettur investigattiv originali u cioe' lill-Ispettur Joseph Agius sabiex jixhed dwar l-involviment tieghu fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Illi l-Prosekuzzjoni ghalkemm anke mitluba sahansitra mill-Avukat Generali naqset milli ttellghu jixhed u jispjega l-involviment tieghu fl-investigazzjonijiet odjerni.

Illi ghaldaqstant tenut kont tac-cirkostanzi hawn fuq esposti jirrizulta illi l-appellanti ma setax jinstab hati tar-reati hekk kif addebitati lilu stante illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lill hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni u dan minhabba d-diversi nuqqasijiet hawn fuq esposti.

**B. Recidiva**

Illi fir-rigward tar-recidiva l-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet illi:

*Illi gew esebiti diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat inter alia dik tat-2 ta' Frar, 2005. Ghalhekk gie ppruvat ukoll l-addebitu tar-recidiva.*

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat b'mod zbaljat l-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi fir-rigward tal-kaz odjern jekk l-appellant kellu jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huwa ma kellux jinstab hati illi kien recidiv la ai termini tal-Artikolu 49 u lanqas ai termini tal-Artikolu 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tas-sentenzi esebiti l-Ufficjal Prosekutur minkejja illi kien anke mitlub mill-Avukat Generali sabiex iressaq il-prova fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-appellant mas-sentenzi esebiti huwa ma ressaq l-ebda prova fir-rigward. Illi jibda biex jinghad illi l-Ufficjal Prosekutur ressaq vera kopja ta' tlett sentenzi wahda bla data, l-ohra datata tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) u l-ohra erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003). Illi meta l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa dawn is-sentenzi l-appellant ma kienx assistit dakinhar tas-seduta u allura ma setax u ma tax fil-fatt l-awtorizazzjoni tieghu sabiex titressaq il-provi rigward tali sentenzi. Illi fil-fatt, jigi rilevat illi l-Ufficjal Prosekutur naqas milli jtella' l-Ispetturi illi investigaw u prosekwew dawn it-tlett sentenzi illi gew esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u dan peress illi qatt ma gie ezentat milli jaghmel hekk mid-difiza.

Illi inoltre l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib bhala prova illi dawn it-tlett sentenzi huma definittivi u res judicata u cioe' illi dawn is-sentenzi huma finali u ma gewx appellati mill-appellant. Illi fil-fatt, it-tlett sentenzi huma tal-Qorti tal-Magistrati u l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova illi dawn is-sentenzi huma definittivi u finali u illi ma gewx appellati mill-appellant. Illi l-appellant mhuwiex tenut illi jressaq il-provi izda hija l-Prosekuzzjoni illi trid tressaq il-provi taghha u ghalhekk huwa xoghol il-Prosekuzzjoni illi tressaq u tipprezenta mhux biss is-sentenzi (vera kopja taghhom fir-rigward tar-recidiva) izda wkoll illi tressaq il-prova illi s-sentenzi illi l-Prosekuzzjoni stess qieghda tezebixxi huma finali u ma gewx appellati haga illi f'dan il-kaz hija mankanti.

Illi ghalhekk tenut kont ta' dawn in-nuqqasijiet din l-Onorabbli Qorti ghandha tiskarta dawn it-tlett sentenzi esebiti stante illi ma ngabitx il-prova tal-identifikazzjoni u lanqas ingabet il-prova illi tali sentenzi huwa definittivi u *res judicata.*

Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet htija fl-appellant mhux biss ai terminu tal-Artikolu 49 izda wkoll ai terminu tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali illi jipprovdi:

*50. Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi z-zewg sentenzi illi huma rilevanti ai fini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali huma dik tat-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) fejn l-appellant wehel tletin lira Maltin (Lm30) u l-ohra tal-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) fejn l-appellant wehel multa ta' mitt lira Maltin (Lm100). Issa ghalkemm id-delitt fil-kaz odjern gie kommess fi zmien hames snin minn dakinhar li l-imputat inghata dawn il-piena ta' multi madankollu, ma jirrizultax mill-atti, fil-grad rikjest mil-ligi, illi sad-data tal-kaz odjern, din il-piena kienet giet skontata u cioe` giet imhallsa jew skontata wara li giet konvertita f'piena ta' prigunerija jew inkella giet mahfura ai termini tal-imsemmi Artikolu 50.

Illi ssir-referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Said tal-10 ta' Lulju 2015, fejn il-Qorti qalet hekk:

*"Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidività kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ*

*ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti flartikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata.* ***Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba rreċidiva ma japplikax ….***"

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, l-appellant ma jistax jitqies bhala recidiv ai termini tal-50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**C. Piena Erogata**

Illi dan l-aggravju qieghed isir minghajr pregudizzju ghas-suespost u jirrigwarda l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' piena karcerarja ta' **tletin (30) xahar effettivi.**

Illi bir-rispett kollu u minghajr pregudizzju ghas-suespost din is-sentenza hija wahda esagerata u sproporzjonata meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz specjalment it-trapass konsiderevoli ta' zmien illi ghadda bejn l-allegat reat u s-sentenza illi inghatat lill-appellant u l-valur mhux daqshekk konsiderevoli ta' oggetti misruqa;

Illi l-appellanti jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-*

*possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir-rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba"*

F'dan l-istadju l-appellanti taghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati;

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellanti **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga…** u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat*

*dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu <u>jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu</u> u <u>jaqbad definittivament it-triq it-tajba</u> specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li <u>ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.</u>*

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: "Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. George Farrugia:</u>** "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib

stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. **Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.**

Illi dan kollu qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi llum l-appellanti huwa persuna li jaghmel xogholu u jahdem ghal familja tieghu minghajr ebda hsieb illi jerga' jixref xifru mal-gustizzja.

Illi inoltre ssir-referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Terry Graham,** datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

> *Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f'dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f'dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fissocjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat 'a window of opportunity'. L-*

*appellant sabha fix-xoghol. Din il Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro (€1,100) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.*

Illi inoltre qisu bhal donnu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena inflitta t-trapass konsiderevoli taz-zmien bejn iz-zmien tal-akkuzi u d-data tas-sentenza. Fil-fatt, l-appellanti tressqet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sena elfejn u sittax (2016) ghal reat illi allegatament gie kommess fis-sena elfejn u tmienja (2008) u cioe' disgha snin ilu.

Din il-Qorti, f'diversi okkazzjonijiet kellha l-opportunita illi tippronunzja ruhha fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u senjatament ssir-referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

*it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Issir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Puliziija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis,** datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta'zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Illi ghaldaqstant il-piena ta' **tletin xahar prigunerija** **effettiva** kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern. Illi dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat b'mod zbaljat fir-rigward tal-appellant il-kwistjoni tar-recidiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li minn meta gie kommess ir-reat in kwistjoni 'l hawn jidher li l-appellant kiser dufrejgh mal-Ligi diversi drabi tant li kiser l-Ordinanza ta' Traffiku, dik dwar kacca llegali u diversi kontravenzjonijiet li johorgu mid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali fejn gie kkundannat multi u darba minnhom kien anke inghata conditional discharge.

Ikkunsidrat,

Illi huwa minnu kif stqarret id-difiza li hija l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u l-appellant ma ghandu ghalfejn jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu u jista' jistrieh biss fuq il- provi prodotti.

Il-prosekuzzjoni hija tenuta tressaq l-ahjar provi. Hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti, huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti, mhux ammessi. Huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid tghamlu billi bil-provi taghha, twassal lil min irid jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara, probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputati prezunti nnocenti, m'ghadhom jippruvaw xejn, izda jekk ihossu li ghandhom jippruvaw xi haga, dan jistghu jghamluh, anke jekk jaslu sal-grad ta' probabbli.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika:-

"That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.[1]"

---

[1] Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.)

Huwa veru li fil-kamp penali, l-provi ndizzjarja hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, huwa veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[2] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen**[3] jghid:

"*Circumstantial evidence, is receivable in Criminal as well as in Civil Cases, and indeed, the necessity of admitting such evidence, is more obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses, or by conclusive documents, much more than in civil cases, and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another… It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament l-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt gie kkonfermat b'sentenza moghtija, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun**[4].

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**[5], fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li

---

[2]1997 Edition para 10 – 3.

[3] [1952]

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar 1998

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998

jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lil imputat bir-reati addebitati lilu.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et**[6] kien intqal li:
"*il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Joseph Gauci et**,[7] li:
"*Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*."

Bhala konkluzzjoni dwar x'inhi l-ahjar prova, l-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1961

[7] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Ottubru, 1998

komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk din l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti u cioe' dik proposta mill-prosekuzzjoni li temmen li kien l-appellant li kkometta is-serq li sar bejn is-16 u 17 ta' Jannar 2008 gewwa Marsaxlokk ghad-detriment ta' Raymond Cassar u dik proposta mill-imputat illum appellant li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha fuq il-*finger print* li nstabet fuq ritratt li kien jinsab gewwa vetrina propjeta' tad-derubat.

Issa **Richrd May** fil-ktieb tieghu '**Criminal Evidence'**[8] jirritjeni li:-

*"When evidence of identification is considered, the finding of fingerprints is powerful evidence from which a jury may infer the identity of the perpetrator of an offence."*

Dwar il-kwistjoni ta fingerprints issir-referenza ghal **Awturi Cross & Tapper** ghal-ktieb taghhom 'Evidence'[9] fejn jinghad is-segwenti.

*"The matching of fingerprints can be very strong retrospectant circumstantial evidence, and convictions have been long upheld when there was no other evidence of identity.[10]Establishing a match is a matter of for expert opinion[11], although it is for the Jury to decide whether or not to accept it.[12] Although there is now no binding rule as to the number of similarities required to suggest a match, the Court of Appeal has intimated that if there are fewer than eight the*

---

[8] Third edition London Sweet & Maxwell 195 page 5

[9] Colin Tapper twelfth edition page 50

[10] R vs Castleton (1909) 3 Cr App Reg 74.

[11] R vs O Callaghan 1976 VR 676

[12] R vs Buisson 1990 2 NZLR 542- fejn gie enfasizzat li l-*comparisons* ma jsitghux isiru mill-gurati wahdehom.

*prosecution should not tender the evidence, and that the judge would be likely to use his discretion to exclude it."*

**Richard May** ikompli jghid fil-ktieb tieghu[13] fuq citat li "*The Court of Criminal Appeal has dismissed appeals made on the ground that identity was established with fingerprints alone. It does not of course follow, that by establishing the defendant's presence at a certain place by means of fingerprints that the prosecution will establish the offence as charged*."

Fil-fatt *May* jghati esempju tal-kaz fejn il-Qorti tal-Appelli Kriminali sabet li kien insufficjenti bhala prova f'kaz ta serq li l-prosekuzzjoni tipprova li l-akkuzat kellu fil-pusess tieghu karozza *ut sic*. Ghax dak mhux bil-fors li tali persuna serqet il-karozza setgha kien il-kaz li hadet il-karozza minghajr il-kunsens tas-sid ghar-reat ta' furto d'uso jew li rricettat tali karozza. Ghalhekk minkejja l-prezenza ta' fingerprint, il-prosekzuzjoni xorta tibqa' obbligata li tipprova l-elementi kollha tar-reat moghtija lill-akkuzat. Pero' jinghad li una volta l-prosekuzzjoni tipprova s-sejba ta' fingerprint imbaghad jispetta lill-akkuzat jghati spejgazzjoni ta' tali sejba.

Is-success fl-impront digitali ghar-rizultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precizjoni, liema dover jaqa' fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li ttehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin**

[13] Op cit pagna 357

**Gaffarena**[14]. Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it*" kif sostna **Francis Galton.**

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulziija v Anthony Abela**[15] fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xorb, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints.*"

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal- Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-fingerprints misjuba, ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra. Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu **Forensic Medicine**[16]

"*Glanton estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger*."

---

[14] deciza fit-23 ta' Jannar, 1996

[15] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-28 ta' Mejju, 1998

[16] 6th Edition pagna 19

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra**:

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova wahda jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat*."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ**,[17] dik il- Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-shutter tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak ix-shutter.

Ghalhekk x'inhuma il-provi li resqet il-prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant?

**PS 966 Race Desira** xehed nhar it-8 ta Jannar 2016 u qal li huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija Marsaxlokk fis-17 ta' Jannar 2008 u kien ircieva rapport minghand Raymond Cassar li xi hadd kien dahallu fir-razzett tieghu u seraqlu xi affarjiet kif imsemmija fl-okkorenza esbita fl-atti a fol 18, immakrat bhala dok RD. Huwa mar fuq il-post u ra minn fejn setgha dahlu l-malviventi billi kien hemm kantun maqlugh.

**Raymond Cassar,** id-derubat, xehed fl-istess jum tat-8 ta' Jannar, 2016, fejn ikkonferma li kien ghamel rapport dwar serqa li kienet saret fir-razzett tieghu Marsaxlokk f'xi jum f'Jannar 2008. Ikkonferma li kien fl-atti tal-inkjesta quddiem l-espert nominat mill-Qort li kien iddeskriva l-oggetti li nsterqulu dakinhar aktar vicin is-serqa. Mistoqsi jekk kellux suspett f'xi hadd jghid li ma kellux.

[17] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-29 ta' April, 1982

Huwa semma bhala jum it- 18 ta' Jannar pero' dwar dan ma kienx cert. Jiftakar pero' li kien irraporta li kien mar jghalef bhas-soltu u sab li kien hemm sgass u li kienu serqulu l- ingenji kollha. Qal li min dahallu fil-propjeta' tieghu x'aktarx dahal billi qala' kantun minn mal-hajt. Spjega li l-valur tas-serqa kien madwar elefejn u hames mitt euro (€2,500) tal-oggetti misruqa u li kienu second hand. Mistqosi jekk qattx stieden li xi hadd fl-awla imur ghandu f'dan ir-razzett wiegeb fin-negattiv u jghid "Qatt". Muri ritratt partikolari mmarkat bhala dok 8EA112, jghid li dan hu ritratt taz-ziemel tieghu li kien jirbah bih u li kien izomm fil-vetrina tieghu. Jghid li kemm fuq dan ir-ritratt kif ukoll fuq fil-vetrina l-esperti tas-SOCO kienu gabru xi fingerprints.

Qal li r-ritratt kien gie mehud minn photographer li ma jafx x'jismu u wara mar bih ghand hanut u ghamel photocopy tieghu. Minn jeddu jghid li ma mar imkien bih. Qal li kien ha r-ritratt zghir u dan kabbru u llaminah u hadu lura mieghu. Spjega li ma jiftakarx il hanut fejn ghamel il-*lamination* pero' jghid li dan sar xi sena qabel is-serqa u zgur li ma kien gie f'idejn hadd.

**Spettur James Grech** xehed nhar it-8 ta Jannar 2016 u kkonferma li kien qed jinvestiga l-kaz in dezamina. Gie mgharraf li kien hemm *match* bejn l-impronti digitali li ttiehdu mix-xena tad-delitt ma dawk tal-appellant u ghalhekk kien ghamel rikors fl-atti tal-inkjesta tas-serqa li saret fir-razzett ta' Raymond Galea u ttiehdu l-kampjuni tal-impronti tal-appellant u sar comparison bejn dawk mehuda fl-awla u dawk mehuda mix-xena tad-delitt. Spejga li l-impronti tal-imputat ttiehdu fl-awla fit-13 ta' Mejju 2015. Stqarr li ha zewg *statements* tal-imputat u fit-tnejn li huma nnega li kellu x'jaqsam mas-serqa u mistoqi jghati spjegazzjoni kif l-impornti digitali tieghu instabu fuq ir-ritratt jghid li ma jafx kif. L-ispettur esebixxa l-istqarrija tieghu li giet mmarkata bhala dok JG a fol. 35 u mistoqsi jekk qattx mar ghand d-derubat jghid li ma marx. Mistqosi jispjega kif l-impronti digitali tieghu spiccaw gewwa dan ir-razzett, jghid li ma jafx u mistoqsi xi domandi dwar is-serqa *ut sic* jghid li ma jaf xejn dwarha. Fil-fatt anke fl-ewwel stqarrija li rrilaxja dok JG 2 a fol 38 mistoqsi kif l-impronti tieghu spiccaw fir-razett tad-derubat iwiegeb *ex admissis*

*"ma nafx x'bicca xoghol hi'.*

Fl-atti hemm esebit l-atti tal-inkjesta u minn ezami tal-access mizmum fl-atti tal-inkjesta jirrizulta li r-razzett in kwistjoni jinsab fi triq it-Torri, f'lokalitá li tista tigi kkunsidrata bhala wahda dizabitata. Jirrizulta li d-dhul f'dan ir-razett sar x'aktarx billi tnehha kantun mill-hajt.

Rat il-verbal tal-Qorti datat 23 ta' April 2015 fejn kienet innominat lil Joseph Mallia sabiex jiehu l-impronti digitali tal-appellant u dan fuq rikjesta ta' rinviju mill-ufficcju tal-Avukat Generali bil-ghan li jsir ezami komparattiv ma dawk l-impronti digitali li gew elevati mix-xena tad-delitt.

Illi Jospeh Mallia deher il-Qorti nhar id-29 ta April 2015 u ha l-impronti digitali tal-appellant u dawn jinsabu esebiti fl-atti u mmarkati bhala dok JM1 u JM2 rispettivament.

Fis-6 ta' Mejju 2015 deher l-espert nominat mill-Qorti Joseph Mallia u pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok JM3 (fol. 57). Minn ezami ta' l-istess jirrizulta li saru ezamijiet komparattivi bejn id-dokument 08AEA301, lifter li jigbor fih zewg impronti digitali zviluppati permezz ta' aluminium powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti u d-dokumenti JM 1 formoli tal-impronta digitali u JM 2 formola tal-marki tal-pala ta' Raymond Galea, l-appellant u kkonkluda s-segwenti:-

1. Illi l-ewwel impronta li tidher zviluppata u elevata permezz ta' lifter dok 08 AEA 301 hija nieqsa mill punti karatteristici li jwaslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-impronta u d-dokument JM1 u JM2.
2. Illi t-tieni impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter document 08 AEA 301 giet komparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka ta' saba' tan nofs tal-id il-leminija ta' Raymond Galea .

Illi minn ezami tar-relazzjoni mizmuma minn PC 1253, Scene of the crime offier nominat fl-inkjesta, jirrizulta li r-ritratt markat bhala dok 08AEA 301 kellu impronta fuqu. Dan ir-ritratt kien allegatament gie mcaqlaq min postu skond dan l-espert.

Illi ghalhekk l-appellant kellu jwiegeb u jghid kif in effetti l-impronta tas-saba tieghu instab fuq ritratt li kien mizmum f'razzett privat meta stqarr li f'dan ir-razzett qatt ma mar. L-appellant pero' dan ma ghamlux u strieh biss fuq provi prodotti mill-istess prosekuzzjoni.

Il-Qorti hawn ser taghmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus Pierre Buttigieg'**.[18] F'din is-sentenza nsibu l-bran segwenti:

*'Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Anthony Abela**[19]" li l-prova tal-fingerprint għandha tkun suffiċjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux neċessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova waħidha għandha twassal għall-ħtija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet għamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f' postijiet pubblici bħal ħwienet, knejjes, ċinematografi, ħwienet tax-xorb, diskoteki, ecc., li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk firrigward:-*

*"Kienet tkun ħaġa ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jiġi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien daħal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien daħalu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints waħedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib ħtija."*

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Settembru 2008

[19] Deciza nhar it-28 ta' Mejju 1998

BLACKSTONES - "CRIMINAL PRACTICE"[20] jgħid testwalment hekk:-

*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence."*[21]

Hawnhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghaliex l-impronta digitali tal-imputat nstabet fuq ritratt li instab go vetrina fil-proprjetá tad-derubat u meta l-istess appellant gie mistoqsi a tempo vergine tal-investigazzjoni jekk qattx dahal fil-fond, l-appellant allura imputat wiegeb li ma dahalx u ghalhekk ma rnexxielux jgheleb din il-presunzjoni li hu kellu favur tieghu. Ghalhekk il-Qorti thoss li din l-prova wahedha hija wahda li tikkonvinciha sabiex tasal li ssib lil appellant hati tal-akkuza ta' serq.

Dwar l-aggravju tal-valur jinghad li d-difiza sostniet li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-quantum u strahet biss fuq dak li qal id-derubat fix-xhieda tieghu fl-atti tal-inkjesta u aktar tard *viva voce* fil-Qorti. Jinghad li fl-atti ma hemm imkien registrat li d-difiza kienet qed tikkontesta tali valur u li ghalhekk kien ikun hemm il-htiega li jigi nominat esepert *ad hoc* biex jistabilixxi l-valur. Ix-xhieda tad-derubat f'dan ir-rigward ma gietx kontestata u d-difiza lanqas ma ressqet xi provi min-naha taghha sabiex tikkontradici tali prova. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti tali aggravju jissussisti wkoll.

Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza ta' recidivita` hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara dan, issir il-prova ta' l-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'. Jekk ma tigix esebita

---

[20] 2001 edit. pagna 2311-2312

[21] Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82

jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.

Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita' li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedent. Tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.[22]

Recidiva fil-fatt hija cirkostanza merament personali u ma ghandha ebda referenza ghall-kontenut objettiv, la tar-reat precedenti [kif donnha sostniet id-Difiza] u lanqas tar-reat attwali [kif fissret il-Prosekuzzjoni].

L-andament fil-piena ghandu rapport biss mal-personalita' tal-hati u jgib ir-raguni tieghu fil-persistenza tal-hati fid-delinkwenza.

Fil-fatt r-recidiva hija akkuza u reat per se, separata u distina minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ippruvati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi lliberat minn akkuza ta' recidiva.

Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghall-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li

[22] Vide f'dan ir-rigward il-Pulizija vs Paul Abela deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar il-11 ta' Settembru 2004.

tirreferi ghal persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet kkundannata ghall-reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u taghmel reat iehor. Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

L-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 jitkellmu dwar r-recivida b'mod generali ghal kwalunkwe tip ta' reat u delitt.

L-effetti tar-recidiva ma huwiex li l-istess persuna qed tigi punita darbtejn fuq xi reat antecedenti li fuqu tkun gia giet moghtija piena, izda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tigi punita ghal fatt gdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tigi punita ghal istess fatt, izda ghall-ewwel darba u bla precedenti.

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni esbiet tlett sentenzi li gew markati bhala dok FF, FF1 u FF2 u dan permezz tal-Ispettur Fabian Fleri kif jirrizutla mil-verbal registrat fl-atti nhar is-17 ta' Marzu 2016 a fol. (78). Fuq dawn it-tlett sentenzi jirrizultaw l-istess partikolaritajiet tal-appellant odjern.

Jinghad li waqt id-difiza ghalqet it-trattazzjoni fuq l-akkuza principali quddiem l-ewwel Qorti kif jidher ghaliex din hija dattilografata l-Qorti ma semghetx trattazzjoni fuq ir-recidiva ghaliex stqarret li 'recidiva m ghandux' izda wara fis-sentenza taghha sabithu hati tal-akkuza tar-recidiva.

Illi din il-Qorti pero' tara li minkejja li l-prosekuzzjoni pprovat li s-sentenzi esebiti ingahtaw fil-konfront tal-appellant odjern u dan ghaliex hemm l-istess konnotazzjonijiet dwar il-partikolaritajiet tieghu, l-prosekuzzjoni kellha tipprova xi haga ohra sabiex tirrizulta l-akkuza ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 u cioe' li l-appellant ikkometta dan ir-reat ta serq aggravat fil-perijodu indikat fl-istess disposizjoni, una volta l-piena inflitta tigi skontata. Illi huwa veru dak li ntqal fis-sentenza citata mid-difiza fl-appell taghha fl-

ismijiet il-Pulizja vs Anthony Said li b’hekk jista’ jaghti l-kaz li l-hati ma jiskontax il-piena biex ma jigix trattat ta’ recidiv izda *dura lex et lex* ghaliex dak li hu rikjest mill-ligi ghaliex is-sentenza ma tistax titqies li hija skontata jekk il-multa nflitta ma tithallasx. Issa fil-kaz in dezamina kif sollevat mid-difiza ma jirrizultax mill-provi li l-multa giet imhallsa u ghalhekk ir-recidiva ma tistax tirrizulta.

**Piena**

Din il-Qorti ma haditx pjacir tisma lil Avukat Difensur jghid li din il-Qorti m'ghandhix tqis li l-individwu huwa imputat li ghandu fedina penali b’xi reati registrati fuqha biex tinfluwenzha fil-gudizzju taghha.

Il-Qorti taghmilha totalment cara daqs il-kristall li huwa principju fundamentali u kardinali li dejjem jigi osservat bl-ikbar ghozza u skruplu li persuna hi min hi, li tkun ghaddejja process kriminali, hija presunta innocenti u ghandha tinstab hatja jew mhux hatja biss u esklussivament fuq il-provi li jirizultaw mill-atti tal-procediment. Anke jekk l-akkuzat ikun persuna notorja mal-Pulizija, fil-kamp legali u fis-socjetá in generali ghal hajja kriminali taghha, dan l-fatt qatt ma b'xi mod ma jinfluwenza lil Qorti.

L-appellant instab hati tar-reat ta’ serq aggravat bil-valur stante li il-valur tal-oggetti misruqa jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), u bil-mezz stante li s-serq sar permezz ta’ sgass.

L-artikolu 278 tal-Kap 9 jipprovdi s-segwenti:-

1) Il-ħati ta’ serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta’ priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.
2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b’waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax

fil-minimum tagħha.

Ghalhekk fil-kaz in dezamina l-piena ghandha tkun bejn hames xhur u tlett snin pero' ma tistax tinghata fil-minimum.

Jirrizulta mill-atti li dan ir-reat sehh fis-sena 2008 u l-imputat tressaq il-Qorti seba' snin wara u ma jirrizultax li dan sehh minhabba xi informazzjoni gdida li rceviet il-pulizija izda minhabba investigazzjoni lil kienet ghaddejja. Illum ghaddew ghaxar snin. L-fedina penali tal-appellant hija wahda refrettarja b'diversi reti registrati fuqha. Jirrizulta li f'dawn l-ahhar tlett snin l-imputat tressaq il-Qorti akkuzat b'divesi kontravenzjonijiet fejn inghata unconditional discharges u ammenda u ghalhekk ma ppeggorax l-istatus quo tieghu. Ma jirizultax minn ezami tal-istess li huwa qatt ghamel zmien il-habs jiskonta xi sentenza u lanqas li qatt inghata xi suspended sentence. Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ghandha taghti chance lill-appellant billi tikkundana lill-appellant ghal prigunerija sospiza ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti rat li l-ewwel Qorti ma setghetx tappika d-disposizjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 stante li kienet sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta' recidiva.

Konsegwentement din il-Qorti filwaqt li qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tas-sejba tar-recidiva u minn din l-akkuza tiliberah, qieghda tichad l-appell tal-appellant fir-rigward tal-akkuza ta' serq agravat bil-valur u mezz pero' qieghda timmodifika l-piena inflitta ghal din l-akkuza. Stante li din il-Qorti mhiex qed issibu hati tal-akkuza tar-recidiva qieghda tnaqqas il-piena ta' prigunerija imposta mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti ghalhekk qieghda in parte tilqa' l-appell tal-appellant, tvarja s-sentenza appellata billi tirrevoka f'dik il-parti fejn gie misjub hati tal-adebitu tar-recidiva u fejn gie kkundannat ghall-piena ta' tlettax il-xahar prigunerija. Tilliberah mill-akkuza tar-recidiva, tikkonfermha fejn sabithu hati tal-akkuza ta' serq aggravat u fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez ai termini tal-artikolu 533, tvarja l-piena inflitta u qeda tnaqqas il-piena

ta prigunerija stante li ma sabitux hati tal akkzua ta recidiva b'dan illi qed tikkundannah ghall-tnax -il xaghar (12) prigunerija  sospizi ghall-perjodu ta' erbgha snin ai termini tal-aritkolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Ai termini tas-sub inciz (4) tal-artikolu 28A tal-kap 9, il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B, x' jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza.

**Il-Qorti tattira l-attenzjoni tal-Legislatur fir-rigward ta' terminologija uzata ghall-akkuza tar-recidiva u dan peress illi t-test tal-Ligi jista jigi wzat bhala ghodda a favur l-istess persuna misjuba hatja u ghalhek qieghda tordna li kopja ta' din is- sentenza tintbaghat lill-ufficcju tal-Avukat Generali.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur